**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 145 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**vs**

**John Fsadni**

Illum 7 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat John Fsadni detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 49776 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar t' Ottubru, 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt inqast li taghti lil Lorraine Michelle Jane Camilleri u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Mejju, 2021, fejn il-Qorti iddikjarat il-procediment ezawrit.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta nota li kien bi hsiebu jappella u sussegwentement fl-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) 1-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat b' tali sentenza in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tiddikjara procediment ezawrit.

Illi harsa lejn il-verbal tal-Ewwel Qorti ta' nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 2021 wiehed isib is-segwenti:

> *Meta ssejhet il-kawza dehret l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Sarah Magri. L-imputat imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx.*
>
> *Il-parte civile msejjha diversi drabi baqghet ma dehritx. Deher Dr. Joey Reno Vella ghall-parte civile fejn tinforma lill-Qorti li l-parte civile qed tirrinunzja ghal dawn il-proceduri Il-prosekuzzjoni qed tipprezenta riferta parittiva tal-partijiet.*
>
> *Il-prosekuzzjoni qed tirrileva illi l-parte civile Lorainne Michelle Jane Camilleri hija xhud ewlieni ta' dawn il-kawza u ghas-seduta tal-lum, kienet notifikata u ma attendietx ghal dawn il-kawzi. Ghaldaqstant qed jintalab li jinhareg mandat t' akkumpanjament fuq il parte civile ghas-seduta li jmiss stante li dawn il-kawzi huma ex officio skont sentenza li nghatat fis-16.02.2021 mill-Imhallef Aaron Bugeja -Il-Pulizija versus Christian Paul Micallef.*
>
> *Il-Qorti qed tinnota li ghalkemm debitament notifikata l-parte civile naqqset milli tidher ghal dawn il-proceduri.*
>
> *Il-Qorti qed tichad it-talba tal-Ufficjal Prosekutur stante li dawn huma proceduri sommarji u stante li l-parte civile ddikjarat li m' ghandhix interess il-Qorti qed tiddikjara procediment ezawrit.*

Illi jekk wiehed jaghti harsa l-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370 (1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz:*

***Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.***

Illi n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment, li hu regolat taht l-artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hu reat kontra l-ordni pubbliku minnu nniffsu u ghalhekk il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni dwar ir-reat ex officio (Artikolu 543 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi di piu lanqas kien il-kaz fejn il-parte civile irrinunzjat espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat;

Illi ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tiddisponi mill-kaz billi tiddikjara procediment ezawrit imma wara li tevalwa l-provi li kellha quddiemha tiddisponi mill kaz skont il-ligi.

Illi *se mai* il-qorti kellha tiehu l-fatt tal-hlas in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena u mhux tiddikjara procediment ezawrit u dan ghar-raguni li procediment jigi hekk dikjarat bhala ezawrit f' cirkostanzi bhal meta jkum hemm mewt tal-imputat fil-mori tal-process jew qabel, fejn tigi rtirata l-kwerela - f' dawk il-kazijiet fejn il-procediment ma jkunx jista' jinbeda' jew jitmexxa' minghajr il-kwerela tal-parti leza; fejn tinghata il-mahfra; fejn l-azzjoni tigi dikjarata preskritta u fejn ikun hemm ir-res judicata.

Illi *di piu*, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021, l-ufficjal prosekutur talbet li jinhareg mandat t' akkumpanjament fuq il-parte civile ghas-seduta li kien imiss. Fil-procediment odjern, il-parte civile kienet xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni u l-fatt li ma dehritx ma kienx xi nuqqas attribwibbli min-naha tal-

prosekuzzjoni. L-ewwel Qorti kellha mezzi ohra, bhal mandat ta' akkumpanjament (li filfatt gie mitlub mill-ufficjal prosekutur) u dana sabiex tassigura li l-istess parte civile tidher ghas-seduta koncernanti u wara li tisma' lill istess parte civile, liema parte civile kienet indubjament xhud indispensabbli ghas-success fil proceduri fil-konfront tal-imputat, tiddisponi mill-kaz skont il-ligi. Illi dan apparti li fil-kaz de quo, il-prosekuzzjoni f' ebda hin ma ddikjarat li kienet qed taghlaq il-provi taghha.

Illi fl-isfond ta' dan li inghad hawn fuq, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragionevolment tiddikjara procediment ezawrit.

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Lara Mitchell Jane Camilleri** tixhed fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2021 u tikonferma li hija kellha relazzjoni mal-akkuzat u minn din ir-relazzjoni kellhom tarbija li illum ghandha tlett snin. Tghid li pero l-akkuzat appellant irregola l-posizjoni tieghu u hallas dak kollu dovut lilha bhala maneteniment tal-minuri u stqaret li m'ghandhiex pretensjoni ulterjuri kontra l-istess appellant. Tant li qalet li qed tahfer l-appellant ghal dak li ghamel fil-konfront ta' binthom komuni.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2021.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell odjern jikkocerna appell tal-Avukat Generali intavolat minnu u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara l-procediment ezawrit meta r-reat in kwisjtoni imur kontra l-ordni pubbliku u ghalhekk l-azzjoni ghandha titmexxa ex ufficcio mill-prosekuzzjoni. Jirrizulta in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati kif ppreseduta, permezz tad-deċizjoni tagħha hawn fuq riferita, inter alia għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi. Il-fatt li l-parte civile ma dehritx l-Qorti kellha tohrog mandat fil-konfront taghha fin-nuqqas ta' rinunzja da parti taghha u mhux tiddikajra l-procediment ezawrit.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament peseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Coronato sive Renato Galea</u>**[1] **<u>fejn hemmhekk l-</u>**

[1] Deciza fis-6 ta' Lulju 2001. Appel Numru 47/2001

**akkuzat ukoll kien akkuzat b'rati li imorru kontra l-ordni pubbliku u l-Qorti riteniet li:-**

> *"Kif dejjem u ripetutament gie deciz, meta hemm riferta pozittiva ta'xhud, meta tali xhud huwa indispensabbli, bhal ma jidher li kien il-kwerelant f'dan il-kaz, u dan ix-xhud ma jidherx, il-Qorti ma tistghax taqbad u b'mod ferm legger tiddeciedi l-proceduri billi tghid li stante li x-xhud ma dehrx (u allura wera nuqqas ta'interess fil-kawza li bdiet fuq rapport tieghu) allura tillibera lill-akkuzat. Kienet forsi tista' tghamel hekk kieku l-prosekuzzjoni ma kellhiex jew ma esebietx riferta pozittiva li turi li hi kienet ghamlet xogholha biex tharrek u tipproduci lix-xhud-.*

Fil-kaz prezenti, il-Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza, izda kellha rimedji ohra. Fi ftit kliem kellha kull opportunita' li tikkundanna lix-xhud ghall-disprezz lejn l-awtorita' taghha, tiddifferixxi l-kawza ghall-data ohra u tordna li ghal dik is-seduta x-xhud jingieb b'Mandat ta'Akkompanjament jew ta'Arrest ai termini ta' l-Artikoli 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali. Jekk ma jsirx hekk tinholoq is-sitwazzjoni fejn kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le (vide **Pulizija –vs- Domenico Savio Spiteri**[2]).

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jisthoqqlu li jigi milqugh u din il-Qorti qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti pero' m'hix ser tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qort izda sejra ai termini tal-artikolu 428 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tghaddi biex taghti s-sentenza finali taghha hija istess.

Il-Qorti semghet lill-parte civile Lara Mitchell Jane Camilleri tixhed u tghid li illum il-gurnata il-pendenza ta' bejnha u l-appellant giet transatta u li hija ma ghandha l-ebda' pretensjoni ulterjuri kontra l-appellant.

Il-Qorti tiddikjara li hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment dovut lil minuri li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni jew ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha

[2] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali nhar il 5 ta' Jannar 1996

dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u omm bintu. Lanqas ma hu idejali fic-cirkotanzi li din il-Qorti tikkundanna lill-appellant ihalals xi ammenda meta tali flus jsitghu jmorru a beneficcju ta' l-sitess minuri. B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u omm bintu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp omm bintu tibqa' bla ħlas ta' manteniment. F'dan il-kaz l-kwerelanti stess stqarret li kienet qed tahfer lill-appellant u ghalhekk u fl-interess ta' l-istess minuri in komuni hija sejra wara li tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-kontravenzjoni kif adebitata' fil-konfront tieghu tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur m'illum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur